

**Brussell, 28 ta' Jannar 2022
(OR. en)**

5781/22

**TELECOM 30
DIGIT 20
CYBER 31
COMPET 55
RECH 47
PI 8
MI 68
EDUC 33
JAI 109
ENFOPOL 44
COSI 28**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 27 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-istabbiliment ta' Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 27 final.

Mehmuż: COM(2022) 27 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.1.2022
COM(2022) 27 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-istabbiliment ta' Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-
Deċennju Diġitali**

{SWD(2022) 14 final}

“Nemmu f’tranżizzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem. Dan għandu x’jaqsam ma’ x’nixtiequ nkunu bħala Ewropej. Biex dan jiġi rifless aħjar, se nifformulaw sett ta’ prinċipji diġitali. Fost dawn il-prinċipji — l-aċċess għall-Internet għal kulħadd; spazju online mingħajr periklu; id-dritt għall-apprendiment tal-ħiliet diġitali; algoritmi li jirrispettaw lin-nies; il-protezzjoni tat-tfal online. Dawn il-prinċipji importanti se jikkomplementaw id-drittijiet legali li diġà jipproteġu lill-Ewropej online, bħall-protezzjoni tad-data personali jew il-libertà tal-espressjoni.”

Il-President Ursula von der Leyen, fl-avveniment “Leading the Digital Decade”,
Sines, l-1 ta’ Ġunju 2021

1. Introduzzjoni

It-tqegħid tan-nies fiċ-ċentru tat-tranżizzjoni diġitali hija prijorità ewlenija għall-Kummissjoni Ewropea. It-trasformazzjoni diġitali għandha tissawwar skont il-valuri u l-liġijiet Ewropej tagħna.

Illum, il-Kummissjoni qed tipproponi li tiddefinixxi sett ta’ prinċipji għal din it-trasformazzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem. Din id-**Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali** (minn hawn ’il quddiem id-“Dikjarazzjoni”) se tistabbilixxi intenzjonijiet politiċi komuni għaċ-ċittadini, għan-negozji, għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għal dawk li jfasslu l-politika. Il-prinċipji diġitali inklużi fid-Dikjarazzjoni huma konċepiti bħala kunċetti essenzjali, ibbażati fuq valuri Ewropej komuni, u jservu bħala gwida għal ambjent diġitali ċċentrat fuq il-bniedem, mingħajr periklu, inklużiv u miftuħ, fejn ħadd ma jitħalla jibqa’ lura. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-valuri tal-Unjoni u d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi kif inhuma ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jiġu rispettati u rinforzati kemm offline u kif ukoll online.

Id-Dikjarazzjoni se tiegħu l-forma ta’ *dikjarazzjoni solenni konġunta* li għandha tiġi ffirmata mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. Il-Komunikazzjoni attwali takkumpanja l-abbozz propost għal din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

Din id-Dikjarazzjoni twieġeb għas-sejħiet mill-Parlament Ewropew biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa tal-approċċ tal-UE għat-trasformazzjoni diġitali mad-drittijiet fundamentali, inkluż ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u t-trattament indaqs, il-prinċipji bħan-newtralità teknoloġika u tan-network, l-inklużività,¹ kif ukoll biex jissaħħu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali u titrawwem ekosistema tal-edukazzjoni diġitali bi prestazzjoni għolja². Id-Dikjarazzjoni tqis ukoll l-istedina tal-Parlament biex jiġu protetti d-drittijiet tal-utenti fl-ambjent diġitali,³ biex tiġi żgurata l-libertà tal-media u biex tiġi miġġielda d-dizinformazzjoni⁴.

Fid-Dikjarazzjoni ta’ Berlin tal-2020 dwar *Is-Soċjeta’ Diġitali u l-Gvern Diġitali bbażat fuq il-Valuri*, il-Kunsill stqarr li kulħadd għandu jkun jista’ jaħtaf l-oportunitajiet offruti mit-

¹ (2020/2216(INI))

² 2020/2135(INI)

³ Ref. 2020/2018(INL); 2020/2019(INL); 2020/2022(INI)); 2020/2012(INL); 2020/2014(INL); 2020/2015(INI)); 2020/2017(INI), 2020/2216(INI), 2019/2181(INL)

⁴ 2020/2009(INI)

trasformazzjoni diġitali. Permezz tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona (*id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona — Demokrazija Diġitali bi Skop*) ippreżentata fl-Assemblea Diġitali ta' Ġunju 2021, il-Kunsill appella wkoll għal mudell ta' trasformazzjoni diġitali li ssaħħa id-dimensjoni umana tal-ekosistema diġitali, bis-Suq Uniku Diġitali fil-qalba tiegħu. Il-Kunsill appella wkoll għal tranżizzjoni diġitali li tibni l-pontijiet mat-tranżizzjoni ekoloġika lejn futur sostenibbli u newtrali għall-klima.

Mill-ewwel tħabbir ta' din l-inizjattiva fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Kumpass Diġitali f'Marzu tas-sena l-oħra⁵, il-Kummissjoni **qed tinvolvi ruħha b'mod attiv maċ-ċittadini u mal-partijiet interessati** biex tisma' l-fehmiet tagħhom. Dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni għenu biex tissawwar id-Dikjarazzjoni proposta.

Din il-Komunikazzjoni tiddeskrivi wkoll it-triq 'il-quddiem għall-monitoraġġ tal-miżuri u tal-azzjonijiet li ttieħdu biex id-Dikjarazzjoni titqiegħed fil-prattika. Id-Dikjarazzjoni hija marbuta mill-qrib u tikkomplementa l-proposta għall-“Perkors għad-Deċennju Diġitali” li ġiet adottata f'Settembru 2021 u tistabbilixxi l-miri diġitali aktar komprensivi u l-perkors biex dawn jintlaħqu. Kif stabbilit fil-proposta dwar il-“Perkors għad-Deċennju Diġitali”, annwalment se jiġi ppreżentat monitoraġġ effettiv tal-prinċipji minquxa fid-Dikjarazzjoni, flimkien ma' Ewrobarometru fis-sena dwar il-perċezzjoni taċ-ċittadini Ewropej dwar l-azzjonijiet u l-miżuri li ttieħdu. Dawn se jiżguraw it-trasparenza u l-monitoraġġ tax-xejriet u l-prestazzjoni fl-Istati Membri kollha u se jorjentaw il-gwida ta' politika f'kull leġislazzjoni futura possibbli fl-oqsma koperti mill-prinċipji minquxa fid-Dikjarazzjoni.

2. Ġustifikazzjoni għal Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali

It-teknoloġiji diġitali qed jittrasformaw kull aspett ta' ħajjitna, filwaqt li joffru opportunitajiet bla preċedent. L-użu tal-mezzi diġitali għax-xogħol, għall-apprendiment, għas-soċjalizzazzjoni, għad-divertiment, għax-xiri, għall-aċċess għall-amministrazzjoni pubblika, għall-kura tas-saħħa jew għall-kultura qed isir aktar frekwenti. Il-pandemija tal-COVID-19 bidlet b'mod radikali r-rwol u l-perċezzjoni tad-diġitali fis-soċjetajiet u fl-ekonomiji tagħna, u żiedet il-pass tagħha.

L-iskoperti teknoloġiċi emerġenti f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali, l-analitika tad-data, ir-robotika, l-Internet tal-Oġġetti u l-integrazzjoni tagħhom fil-mudelli tan-negozji u fis-servizzi u l-prodotti ta' kuljum għenu fit-trasformazzjoni tal-mod kif l-ekonomija u s-soċjetà huma organizzati. Il-pass miżjud tat-trasformazzjoni diġitali ġġenera innovazzjonijiet kbar, billi offra għodod ġodda biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà globali u biex tittejjeb l-effiċjenza tas-servizzi privati u pubbliċi. Fl-istess waqt, dan il-pass iffaċilita l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ u għar-riżorsi ta' informazzjoni u fetaħ spazji ġodda ta' dibattiti pubbliċi. L-adozzjoni mifruxa tat-teknoloġiji diġitali żiedet il-libertà tagħna, billi dawn jikkonnettjaw anki l-postijiet l-

⁵“Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali” COM(2021) 118 final, 9.3.2021

aktar remoti, joħolqu opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini, għall-ħaddiema u għall-konsumaturi; għall-ħolqien u t-tkabbir tan-negozji; għall-benesseri tal-komunitajiet; għall-inklużjoni tal-gruppi żvantaġġati; u għall-avvanz tas-soċjetà taġħna iŋġenerali.

Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 żiedet il-pass ta' din it-trasformazzjoni, żiedet ukoll il-firda diġitali fl-Unjoni Ewropea, mhux biss bejn żoni urbani li huma konnessi tajjeb u bejn territorji rurali u remoti, iżda wkoll bejn dawk li jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ minn ambjent diġitali arrikkit, aċċessibbli, interoperabbli u mingħajr periklu, u dawk li ma jistgħux. Aktar minn qatt qabel, l-aċċess limitat għall-konnettività u għas-servizzi tal-Internet, iżda wkoll l-opportunitajiet limitati biex jinkisbu l-ħiliet diġitali u l-fehim tat-teknoloġiji diġitali jikkostitwixxu riskji kbar għall-koeżjoni tas-soċjetà tal-lum. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet kemm huwa importanti li l-atturi kollha inkluż **l-istituzzjonijiet bħall-amministrazzjonijiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa jkun ppreparati għas-soċjetà diġitali**, b'mod partikolari biex jiggarrantixxu l-inklużività u l-appoġġ għan-nies vulnerabbli, għall-anzjani, għat-tfal u għan-nies b'diżabbiltà, u b'hekk ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ mit-trasformazzjoni diġitali.

Barra minn hekk, iż-żieda fid-disponibbiltà ta' teknoloġiji u ta' data diġitali ġodda ġġib magħha riskji mhux mixtieqa li jistgħu jkollhom riperkussjonijiet estensivi fuq iċ-ċittadini, fuq il-valuri demokratiċi taġħna, fuq is-sigurtà taġħna jew fuq il-pedamenti tas-soċjetajiet taġħna. Dawn ir-riskji kibru b'mod sinifikanti, inkluż fir-rigward tal-privatezza u tal-ksur tad-data personali, tat-tixrid ta' kontenut illegali u li jagħmel il-ħsara u ta' prodotti perikolużi, kif ukoll id-diżinformazzjoni, iċ-ċiberkriminalità u ċ-ċiberattakki, l-isfruttament u l-abbuż tal-bnedmin, inkluż it-tfal, is-sorveljanza tal-massa, il-preġudizzji algoritmiċi li jxekklu l-aċċess ġust u nondiskriminatorju għall-informazzjoni u għad-dibattitu demokratiku, kif ukoll iċ-ċensura assoluta. Dawn il-problemi jolqtu fil-laħam il-ħaj id-drittijiet fundamentali u jimminaw il-progress miksub b'tant diffikultà li sar f'dan il-qasam, kemm fl-Unjoni Ewropea u kif ukoll internazzjonalment.

Meta jinteraġixxu mal-ambjent diġitali, in-nies u n-negozji ma jkunux qed igawdu minn inqas drittijiet, u lanqas ma jkun inqas protetti, meta mqabbel mad-dinja offline. It-trasformazzjoni diġitali ma tiġġustifikax l-eċċezzjonijiet għad-drittijiet u l-libertajiet li ċ-ċittadini tal-Unjoni jgawdu skont id-dritt tal-UE. Iżda, għandha timmira lejn it-tisħiħ ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. L-Unjoni hija impenjata li taġħti s-setgħa lill-Ewropej kollha biex jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet li ġġib magħha t-trasformazzjoni diġitali, irrispettivament mill-età, mill-ġeneru, mill-abbiltajiet, mill-kundizzjoni jew mill-post ġeografiku taġħhom u l-Unjoni ħadet azzjonijiet korrettivi u preventivi billi adottat ir-regolamenti u l-miżuri ta' politika meħtieġa f'dawn l-oqsma kollha fis-snin reċenti. Madankollu, hekk kif is-soluzzjonijiet teknoloġiċi li jaffettwaw ħajjitna qed isiru aktar interkonnessi, mifruxa, u kumplessi, qed issir aktar urġenti l-ħtieġa li nżidu l-isforzi biex niksbu aċċess miftuħ, ġust u ndaqg għall-ġħodod, għas-servizzi, għall-infrastrutturi u għall-ħiliet diġitali li fl-aħħar mill-aħħar se jsaħħu d-demokraziji taġħna.

Kif spjegat fil-Kumpass Diġitali tal-2030, l-Unjoni għandha viżjoni għal Ewropa trasformata diġitalment tal-2030 f'konformità mal-valuri Ewropej. L-Unjoni tħaddan iċ-ċittadini li għandhom is-setgħa u n-negozji innovattivi f'soċjetà diġitali ċċentrata fuq il-bniedem, inklużiva, prospera u sostenibbli. "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali" li ġie adottat reċentement għandu l-għan li jkompli jirrinforza t-tmexxija diġitali tagħna u li jagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji, u b'hekk jagħmel mit-trasformazzjoni diġitali l-mutur tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, u l-benesseri soċjali fl-Ewropa. Dan se jintlaħaq b'mod partikolari permezz tal-estensjoni tal-aċċess għall-broadband bi prestazzjoni għolja liċ-ċittadini kollha, inkluż f'żoni rurali u remoti, billi jiżdiedu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali għall-forza tax-xogħol biex ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fl-ekonomija diġitali, billi n-negozji u s-servizzi pubbliċi jiġu diġitalizzati, u billi dan tal-aħħar isir aktar effiċjenti u faċli biex jintuża għall-benefiċċju ta' kulħadd fis-soċjetà tagħna. Iċ-ċyberspazju bla periklu joħloq ukoll fiduċja akbar fost in-nies fl-għodod u s-servizzi diġitali. Dan jippermetti l-preservazzjoni tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluż il-libertà tal-media u l-pluraliżmu. Fl-aħħar nett, f'konformità mat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, it-trasformazzjoni diġitali se timmira wkoll li tisfrutta l-qawwa tat-teknoloġija biex tiegħu azzjoni dwar il-klima, tipproteġi l-bijodiversità u tirrestawra n-natura, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mal-għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli u mal-Ftehim ta' Pariġi.

Huwa fi ħdan dan il-kuntest li, wara t-talbiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li tiddefinixxi sett ta' prinċipji li se jservu bħala gwida għal trasformazzjoni diġitali sostenibbli, ċċentrata fuq il-bniedem u bbażata fuq il-valuri.

F'dan il-kuntest, id-Dikjarazzjoni tipproponi prinċipji diġitali għas-servizz tal-Ewropej kollha, ifformulati kif ġej: trasformazzjoni diġitali li tpoġġi lin-nies fiċ-ċentru; solidarjetà u inklużjoni; libertà tal-għażla; parteċipazzjoni fi spazju pubbliku diġitali; sikurezza, sigurtà u l-għoti tas-setgħa; u s-sostenibbiltà.

Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni għandha sservi wkoll bħala referenza għall-atturi pubbliċi u privati meta jiżviluppaw u jniedu teknoloġija ġdida. Fi sforz konġunt, id-Dikjarazzjoni għandha tiggwida wkoll lil dawk li jfasslu l-politika biex jiġi ddefinit l-approċċ Ewropew għal dinja diġitali sostenibbli, iċċentrata fuq il-bniedem u inklużiva, u li l-interventi ta' politika tal-UE jiġu ankrati b'mod sod favur dak il-għan. Id-Dikjarazzjoni għandha l-potenzjal li ssir punt ta' riferiment globali għal ħafna kwistjonijiet soċjali u etiċi emerġenti li jirriżultaw mit-trasformazzjoni diġitali. L-istess prinċipji se jkun fil-qalba tal-azzjonijiet tal-UE lejn is-sħab tagħha u fil-qafas tal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Id-Dikjarazzjoni proposta hija bbażata fuq inizjattivi preċedenti mill-Istati Membri u mill-Parlament Ewropew u tibbenefika minn **bosta kontributi li nġabru waqt il-konsultazzjoni pubblika.** Wara l-konsultazzjoni, għadd ta' prinċipji ġew irfinati meta mqabbla mas-sett preliminariju ta' prinċipji li ġie ppreżentat fil-konsultazzjoni pubblika.

Konsultazzjoni pubblika dwar sett ta' prinċipji diġitali Ewropej

Bejn it-12 ta' Mejju u s-6 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika biex tiġbor il-fehmiet dwar il-formulazzjoni tal-prinċipji diġitali Ewropej u biex tippromwovi u ssostni l-valuri tal-UE fl-ispazju diġitali.

Il-konsultazzjoni pubblika ġiet promossa bejn l-1 u t-2 ta' Ġunju waqt l-avveniment "Leading the Digital Decade", fuq il-pjattaforma diġitali tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa kif ukoll fuq il-kontijiet tal-media soċjali. L-objettiv ewlieni tal-konsultazzjoni kien li jinġabru l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati interessati kollha, inkluż tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi u tas-soċjetà ċivili, tal-assoċjazzjonijiet u tal-kumpaniji ta' impriżi, ta' partijiet interessati oħra, u, naturalment, taċ-ċittadini.

Din l-inizjattiva mmarkat il-ftuħ ta' eżerċizzju mifruq ta' konsultazzjoni, inkluż workshops parteċipatorji u intervisti mmirati, s'ħarriġ tal-Ewrobarometru biex jinġabru fehmiet madwar l-Istati Membri u gruppi ta' etajiet differenti, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u ż-żgħażaġh u l-persuni li jappartjenu għal kuntesti soċjali differenti.

B'mod kumplessiv, il-konsultazzjonijiet urew appoġġ ġenerali għad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali kif ukoll għall-ewwel sett ta' prinċipji li ġew indikati fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa, li enfasizzat l-importanza ta' xi wħud minnhom, aktar mill-oħrajn u b'xi risponenti li saħqu fuq il-ħtieġa għal prinċipji addizzjonali. It-tweġibiet għall-attivitajiet differenti tal-konsultazzjoni ggwidaw it-tfassil tad-Dikjarazzjoni li ġiet ippreżentata llum.

Sommarju aktar dettaljat tal-konsultazzjoni huwa ppreżentat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal flimkien ma' din il-Komunikazzjoni.

3. In-natura politika tad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali

Is-sett tal-prinċipji diġitali li għandhom isawru s-soċjetà diġitali tal-Ewropa huwa propost f'forma ta' **dikjarazzjoni solenni konġunta** tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. L-abbozz tad-Dikjarazzjoni, kif previst fl-anness, huwa maħsub bħala proposta li għandha tiġi diskussa mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, bil-ħsieb li tiġi ffirmata mit-tliet istituzzjonijiet.

Din id-Dikjarazzjoni hija bbażata b'mod partikolari fuq id-dritt primarju tal-UE, b'mod partikolari fuq it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fuq it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fuq il-

ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq il-leġislazzjoni sekondarja tal-UE.

Dawn il-prinċipji ma jaffettwawx id-drittijiet legali li diġà jipproteġu lin-nies online fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u li għalihom, ta' bilfors jeżistu rimedji effettivi fl-Unjoni kollha. Dawn ma jaffettwawx la l-limiti legali imposti fuq l-eżerċitar tat-tali drittijiet legali, sabiex jiġu rikonċiljati mal-eżerċitar ta' drittijiet oħra, u lanqas ir-restrizzjonijiet meħtieġa u proporzjonati stabbiliti fl-interess pubbliku. Meta jiġu implimentati permezz tal-inizjattivi ta' politika, dawn il-prinċipji se jiġu applikati flimkien mad-drittijiet u l-prinċipji eżistenti u għall-interess pubbliku iġenerali.

4. Is-segwitu fil-livell tal-UE u dak globali

L-approvazzjoni tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali

Il-Kummissjoni tipproponi li d-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali tiġi ffirmata solennement b'mod konġunt mit-tliet istituzzjonijiet tal-UE kkonċernati. Flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, il-Kummissjoni se tiffaċilita d-diskussjoni abbażi tal-abbozz tad-Dikjarazzjoni ppreżentat illum.

Il-leġislazzjoni u l-azzjonijiet attwali u futuri tal-UE

Minħabba n-natura politika tad-Dikjarazzjoni, mhux il-prinċipji kollha jikkorrispondu għal drittijiet li huma infurzabbli direttament: xi wħud huma diġà stabbiliti fil-leġislazzjoni, oħrajn jistgħu jeħtieġu azzjoni ulterjuri, fil-livell xieraq. Id-Dikjarazzjoni trid tinqara flimkien mal-atti u l-istrumenti legali tal-UE, u hija mingħajr preġudizzju għalihom.

Fil-fatt, il-Kummissjoni diġà ressqet għadd ta' proposti regolatorji u ressqet inizjattivi ta' politika fl-oqsma koperti mill-prinċipji diġitali kif stabbiliti fl-abbozz tad-Dikjarazzjoni. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni biħsiebha tkompli teżerċita, flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, l-azzjonijiet u l-inizjattivi li jpoġġu fil-prattika l-prinċipji diġitali li jsawru t-trasformazzjoni diġitali⁶.

Monitoraġġ u rieżami

Il-prinċipji minquxa fid-Dikjarazzjoni huma ta' interess għaċ-ċittadini, għall-awtoritajiet pubbliċi, għas-sħab soċjali u għas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha. Huma wkoll rilevanti għan-negozzi, kemm fir-rwol tal-utenti tas-servizzi diġitali kif ukoll fir-rwol ta' atturi attivi b'responsabbiltà fl-ispazju diġitali.

⁶ F'dak ir-rigward, kull azzjoni li teħtieġ kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit tal-UE se tiġi ffinanzjata fil-qafas tal-allokazzjonijiet maqbula għal-2021–2027 tal-programmi ta' nfiq ikkonċernati, u fil-qafas tar-riżorsi tal-persunal maqbula.

Il-Kummissjoni se trawwem attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' involviment mal-Istati Membri u mal-atturi rilevanti oħra biex jiġu żgurati s-sensibilizzazzjoni u l-impenn kondiviż għall-prinċipji minquxa fid-Dikjarazzjoni.

Sabiex din l-inizjattiva tkun ta' suċċess, huwa importanti li l-mod kif il-prinċipji diġitali jitqiegħdu fil-prattika jkun immonitorjat b'mod effettiv. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċizzjoni dwar il-Perkors għad-Deċennju Diġitali jipprevedi li fi żmien opportun l-Istati Membri jikkondividu mal-Kummissjoni, l-informazzjoni neċessarja meħtieġa għall-monitoraġġ effettiv tal-progress fis-segwitu tal-prinċipji minquxa fid-Dikjarazzjoni. Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi li rapport annwali dwar "l-Istat tad-Deċennju Diġitali" se jivvaluta l-qagħda tal-miżuri li jsegwu t-tqegħid fil-prattika tal-prinċipji minquxa fid-Dikjarazzjoni. Imbagħad, il-Kummissjoni se tikkondividi l-valutazzjoni strateġika tagħha tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE mal-Kunsill u mal-Parlament, u se tipprovdi azzjonijiet u miżuri rakkomandati lill-Istati Membri u/jew tiddiskuti l-impenji konġunti li ttieħdu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni se ssaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-atturi rilevanti oħra dwar ir-regoli rilevanti tal-UE kollha, inkluż dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, filwaqt li se tenfasizza fuq it-traspożizzjoni (skont il-każ) u l-implimentazzjoni tagħhom, u se tikkondividi l-aħjar prattiki. Djalogu regolari u aktar mill-qrib mal-Istati Membri jista' jiffaċilita l-adozzjoni f'waqtha u (skont il-każ) t-traspożizzjoni tal-istrumenti legali tal-UE, kif ukoll itejjeb il-kwalità tal-implimentazzjoni tagħhom, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa tar-rikors għall-proċedimenti ta' ksur aktar tard.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twettaq sħarriġ tal-Ewrobarometru biex timmonitorja l-miżuri ta' segwitu fl-Istati Membri fuq bażi annwali. L-Ewrobarometru se jiġbor *data* kwalitattiva, ibbażata fuq il-perċezzjoni taċ-ċittadini dwar kif il-prinċipji diġitali jitqiegħdu fil-prattika fid-diversi Stati Membri.

Il-Kummissjoni se tevalwa l-ħtieġa li maż-żmien tirrieżamina kwalunkwe wieħed minn dawn il-prinċipji fid-dawl tal-evoluzzjoni teknoloġika u, jekk ikun meħtieġ, tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'dan ir-rigward.

Il-promozzjoni tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali

L-UE dejjem kienet minn ta' quddiem fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fix-xena globali, inkluż fin-Nazzjonijiet Uniti. L-UE qiegħda f'pożizzjoni li fix-xena internazzjonali żżomm dan ir-rwol ta' mexxejja responsabbli favur mudell ta' approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq il-valuri fl-era diġitali. Id-Dikjarazzjoni se tkun ukoll għodda ta' gwida għall-azzjoni diplomatika tal-UE u se ssawwar is-sħubijiet u d-diskussjonijiet tagħna mas-sħab internazzjonali tagħna.

5. Konklużjoni u l-passi li jmiss

Permezz ta' din id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali, il-Kummissjoni tressaq kemm qafas ta' referenza għan-nies, kif ukoll gwida għan-negozji u għal dawk li jfasslu l-politika, bil-għan li tqiegħed in-nies fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni diġitali.

L-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet pubbliċi tagħhom, il-partijiet interessati kollha, is-soċjetà ċivili fil-livelli kollha u l-Istituzzjonijiet tal-UE jikkondividu responsabbiltà komuni biex jaħdmu favur trasformazzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib haġna mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex tiffaċilita l-iffirmar kemm jista' jkun malajr ta' din id-Dikjarazzjoni fl-2022.